# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 30 ta' Lulju 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**vs**

**Marcette Scerri**

**Kumpilazzjoni Nru: 891/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Marcette Scerri u detentur ta' karta ta' l-identita' numru 332086M:

Akkuzata talli fiz-Zurrieq, fix-xahar ta' Novembru, 2014 u fix-xhur ta' qabel:

1. Wettqet serq ta' diversi oggetti mill-fond mikri lilu u cioe' 217, Kobas Kink, Vjal il-Blue Grotto, iz-Zurrieq, liema serq li hu kwalifikat bil-valur u bil-lok;
2. Volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli fil-fond 217, Kobas Kink, Vjal fil-Blue Grotto, iz-Zurrieq.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

- 17 u 31;
- 261(c), 261(e), 267, 279(b), 269(g), 280(1), 20, 281(a), 284 u 285; u
- 325(1)(A).

Rat li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda allegazzjonijiet maghmula mill-parte civile Antonia Busuttil fil-konfront ta'l-imputata dwar oggetti li sabet nieqsa u hsara li rriskontrat f'fond propjeta taghha ("Kobas Kink" Blue Grotto Avenue Zurrieq) u mikri lill-imputata.

Illi fid-depozizzjoni taghha[1] Antonia Busuttil tghid li hija kienet kriet il-fond imsemmi lill-imputata u li l-imputata f'daqqa wahda itterminat il-lokazzjoni u halliet il-post fi stat tal-biza', b'affarijiet misruqin, affarijiet ohra imkissrin. Busuttil ma tantx tat dettalji ta' x'kienu dawn l-affarijiet, issemmi biss bieb ta'l-aluminium nieqes u xambrelli maqlughin, pero irreferiet ghal rapport redatt mill-perit Ennio Ellul dwar l-istat tal-fond wara li l-imputata tterminat il-lokazzjoni. Hija rreferiet ukoll ghal inventarju li jelenka l-oggetti li kien hemm fil-fond[2]; dan huwa datat 19 ta' Awissu 2011. In kontroezami[3] tghid li l-post tatulha perfett lill-imputata u li skond il-ftehiem li kellhom it-tiswijiet kellha taghmilhom kollha l-imputata. Tghid ukoll li qabel ma hadet l-post l-imputata kien mikri lil haddiehor pero hi, cioe Busuttil, kienet dahlet fil-fond qabel ma krietu lill-imputat u kollox kien perfett.
Illi xehed ukoll Fr Carmelo Busuttil[4] (bin Antonia Busuttil) li jikkonferma li ommu kienet kriet il-fond imsemmi lill-imputata u li meta din haregt sabu il-

[1] A fol 51.
[2] Esebiet a fol 63.
[3] A fol 109.
[4] Depozizzjoni a fol 28.

post fi stat hazin; hu ukoll jaghmel referenza ghall-bieb ta'l-aluminium u ghax-xambrelli u zied li l-imputata kienet qalet il-cupboards tal-kcina. Dan ix-xhud ukoll irrefera ghar-rapport redatt mill-perit Ellul. In kontroezami x-xhud jghid li ma jafx jekk kienx sar inventarju ma' l-imputata qabel ma din dahlet fil-post. Jghid ukoll li l-post kien mikri lil haddiehor qabel l-imputata u li dan kien halih fi stat tajjeb. Ix-xhud izied li hu kien jidhol fil-post biex jaqra l-meter u ghalhekk kien jara l-istat tal-post.

Illi tressaq bhala xhud il-Perit Ennio Ellul[5] li kkonferma l-istima u r-rapport minnu redatti[6]. Huwa spjega li ghall-ahhar ta' Novembru[7] huwa kien gie inkarigat biex jiccekkja fond li kien ghadu kif gie mghoti lura lil Antoina Busuttil wara li kien mikri lill-imputata. Hu elenka dawk l-affarijiet li kienet qed tindikalu Busuttil pero kjarifika li in parti seta' jikkonferma dak li kienet qed tghid Busuttil minhabba dak li kien qed jikkonstata fuq il-post. Zied li xi gimgha qabel ma nghata dan l-inkarigu minn Busuttil, hu kien dahal fil-post minhabba li kien hemm problema bid-drain tal-banju li kien qed jillikja. In kontro ezami[8] ikkonferma li meta inqalghet il-problema fil-kamra tal-banju l-imputata kienet ghada fil-post. Din kienet l-ewwel darba li huwa dahal f'dak il-fond; spjega li dak in-nhar kien hemm kcina b'ghamara kanella u meta mar it-tieni darba il-bank kien miftuh u l-wicc lanqas kien jaqbel, aktar minn hekk is-sink kien mitftugh minghajr sufun.

Illi xehed ukoll Roderick Debono[9]; huwa kien inkwilin f'l-istess fond f'xi zmien qabel l-imputata. Huwa jispjega li fis-sena 2014 kien qed joqghod hemm u l-post kien ilu jikrih xi sentejn jew tlett snin.Mistoqsi meta telaq minn hemm jghid li ma jiftakarx u li kien xi sentejn qabel id-data tad-depozizizzjoni tieghu[10]. Jghid li meta dahal fil-post huwa ha l-ghamar ghaz-zewg kmamar tas-sodda, il-kcina u ha ukoll zewg airconditioners li wiehed minnhom pero ma kienx jahdem; huwa kien bajjad il-post ukoll. Zied jghid li hu ma ha xejn mieghu meta hareg mill-post u li ma jafx min dahal joqghod hemm warajh ghalkemm jaf li kuginuh Juan[11] u l-imputata ghamlu zmien joqghodu hemm.

---

[5] Depozizzjoni a fol 37.
[6] Esebieti bhala Dok MC4 U Dok MC5 a fol 21 u fol 22 rispettivament.
[7] Ma jghidx ta' liema sena r-rapport huwa datat 19 ta' Novembru 2014 u l-istima l-1 ta' Dicembru 2014.
[8] A fol 115.
[9] Depozizzjoni a fol 82.
[10] Hu ddepona fid-9 ta' Jannar 2017.
[11] Is-sieheb ta' l-imputata.

Illi Juan Debono tressaq bhala xhud ukoll. Hu jispjega[12] li dak iz-zmien kellu relazzjoni ma'l-imputata. Il-post krietu hi pero marru joqghodu hemm flimkien. Meta dahlu il-banju ma kienx jiffunzjona sew fis-sens li geyser ma kienx hemm, u t-twieqi ma kienux jinghalqu sew; sodda me kienx hemm; kcina inqdew b'li kien hemm pero ma kellhiex appliances. Jghid li kien hemm cooker ta'l-eletrikku ghalhekk xtraw cooker iehor huma flmkien ma fridge u freezer. Bdew jirrangaw il-kamra tal-banju pero waslul f'punt fejn ghax-xogholijiet kellhom bzonn il-permess tas-sid; ftehiem dwar x'kellu jsir u minn min ma ntlahaqx. Fil-kcina caqalqu xi ghamara biex ikun jistghu joqghodu l-appliances taghhom pero hallew l-isess ghamara. Dwar l-air-conditioners jghid li kien hemm tnejn, wiehed armat u l-iehor maqlugh; hadhom technician biex isewwihom u kienu ghadhom ghandu meta telqu mill-post ghalhekk qal lit-technician biex ma jkompliex bit-tiswijja. It-technician irritornahom l-ariconditioners u tpoggew f'xi garage tax-xhud.

Illi xehed ukoll l-ufficjal prosekutur li spjega x'rapport kien sar mill-parte civile. Huwa spjega x'investigazzjonijiet saru mill-pulizija u prezenta diversi dokumenti inkluz: l-istima u r-rapport tal-Perit Ennio Ellul, inventarju datat 19 ta' Awissu 2011[13]; skrittura datat 23 ta' Lulju 2013 apparentement iffirmata minn Antonia Busuttil u certu Joseph Trebilsi[14] u li fuqha hemm ukoll dikjarazzjoni apparentment iffirmata minn Roderick (u Charmaine) Debono; skrittura datat 24 ta' Novembru 2013 iffirmata mill-imputata u Busuttil[15]; dikjarazzjoni ta' Antonia Busuttil datata 24 ta' Mejju 2014[16]; u dikjarazzjoni ohra ta' Busuttil, minghajr data, dwar il-hsara fil-kamra tal-banju[17].

Illi l-imputata irrilaxxjat stqarrija[18] u anke xehedet quddiem il-Qorti[19]. Hija taghti bejn wiehed u iehor l-istess verzjoni pero waqt id-depozizzjoni taghti ferm aktar dettalji. Hija tisjega li ghall-ewwel avvicinat lil Antonia Busuttil din offrithielha garaxx, offerta li l-imputata accettat tant li ghamlet xahar toqghod fil-garaxx. Wara xahar Busuttil offrietilha post iehor li kien ghadu kif zvojta, li pero kellu hafna affarijiet mkisrin u ohrajn nieqsin. L-imputata tghid ukoll li Busuttil qaltilha li min kien hemm qabel fil-fond kien ghamel

[12] Depozizzjoni a fol 75.
[13] Esebeit a fol 63.
[14] Esebieta a fol 64.
[15] Esebieta a fol 65 kopji taghha huma esebiti a fol 60 u 61.
[16] Esebita a fol 58.
[17] Esebita a fol 59.
[18] Dok MC2 a fol 17.
[19] Depozizzjoni a fol 92.

hafna hsara; innegozjaw l-ammont ta’ kera li ghandha tithallas anke in vista ta’l-istat tal-fond u ftehmu li tonqos il-kera proposta. L-imputata kompliet tispjega li ftit wara li dahlet fil-post skopriet li kien hemm hafna arretrati tad-dawl u ilma fuq konsum registrat f’isem Roderick Debono u li spiccat kellha thallashom hi minhabba li kienu qed jaqtawlha d-dawl. Dwar il-kcina tispjega li kien hemm bank forma ta’ “L” pero hanging cupboards ma kienx hemm; kien hemm forn ta’l-eletriku. Hi ghalhkk gabet forn tal-gas u hanging cupboards u kien ghalhekk li hadithom maghha meta telqet. Dwar l-airconditioners tispjega li hi kien hemm tnejn li kellhom bzonn tiswija u ghalhekk haduhom ghand technician fejn kienu ghadhom meta hargu mill-post; l-airconditioners gew ritornati lilha minghad it-technician u hi offriethom lura. Dwar il-bieb ta’l-aluminium spjegat li dan il-bieb ma kienx jiffittja sew ghax kien imwahhal fuq xambrelli ta’l-injam u kien jidhol hafna rih ghalhekk talbet lil Busuttil biex tibdlu pero din ma riditx; eventwalment ftehmu li l-imputata tiehu hsieb tibdel il-bieb hi pero kellha titnaqqas xi haga mill-kera. Hekk fil-fatt sar billi inqalghu ix-xambrelli u sar bieb gdid; aktar minn hekk l-imputat tghid li l-bieb li nqala hallewh fil-post hekk kif hallew il-bieb il-gdid li sar; ix-xambrelli in parti intremew (dawk li kienu immermrin) u in parti baqghu fil-post. Dwar il-kamra tal-banju l-imputata tispjega li din il-kamra kienet fistat hazin hafna u huma ma qalghu u hadu xejn anzi bdew jaghmlu t-tiswijiet li kien hemm bzonn. L-imputata insisitiet li hi minn hemm ma hadet xejn jekk mhux affarijiet li kienu taghha. In kontroezami spejagt li l-ftehiem ma’ Busuttil ma kienx jobbliga taghmel miljoramenti imma kien fis-sens li jekk hi taghmel xi miljoramenti dawn ghandhom jibqghu a beneficcju tas-sid. Dwar il-kcina qalet ukoll li fil-kors ta’l-investigazzjoni hija giet infurmata li s-sink fil-bank tal-kcina kien maqlugh pero hi tinsisti li ma qalghet xejn. Aktar min  hekk tghid li matul il-perjodu li hija damet tokkupa l-fond in kwistjoni ulied Busutiil kienu jmorru ghandha, min ghal haga u min ghal ohra, u qatt ma ilmentaw maghha dwar il-mod kif kienet qed izomm il-post.

Ikkunsidrat

Illi huwa car minn dan ir-riassunt tal-provi li hemm diversi kunflitti u inkonsistenzi fil-verzjonijet mghotija, partikolarment f’dak li jghidu Antonia Busuttil u binha.

Illi dwar l-istat tal-post Busuttil tghid li kien fi stat perfett, binha ukoll jghid li kien fi stat tajjeb ta’ manutensjoni. Jghidu ukoll li fil-fond kien hemm dawk l-oggetti kollha elenkati f’l-inventarju imsemmi.

Illi in sostenn ta' dak li tallega Busuttil dwar l-istat tal-fond u anke dwar xi oggetti li setghu tnehhew mill-fond, gie prezentat ir-rapport tal-Perit Ellul. F'dan ir-rigward jibda biex jinghad li l-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn ghandha tiddubita li r-rapport minnu redatt jirrifletti l-istat tal-fond fil-gurnata li huwa ghamel l-ispezzjoni. Lanqas m'ghandha ghalfejn tiddubita l-kostatazzjonijiet li ghamel fuq il-post u li a bazi ta uhud minnhom seta' jikkonferma xi allegazzjonijiet li ghamlet Busuttil mieghu; per ezempju li kien hemm air conditioner fil-fond, li jidher li f'xi zmien kien ghamara fil-kcina li ma kenitx ghada hemm. Pero l-konstatazzjonijet li ghamel il-perit, wahedhom, m'humiex prova sufficjenti li kienet propju l-imputata li kkawzat dik il-hsara jew li kienet propju l-imputata li serqet xi oggetti li jidher li kienu imma m'baghux fil-post.

Illi mill-atti jirrizulta li l-fond in kwistjoni kien mikri lil Roderick Debono ghal xi sentejn; ghalkemm mhux b'mod daqshekk specifiku, ma tantx ipingi stampa daqshekk sabiha tal-fond in ezami. Fit-23 ta' Lulju 2013 il-post inkera li Joseph Trebilsi; Trebilsi ma tressaqx bhala xhud. F'l-24 ta' Novembru 2013 il-fond inkera lill-imputata. Hi taghti deskrizzjoni negattiva dwar l-istat tal-post meta dahlu fih tant li, skond hi, Busuttil accettat li tnaqqas il-kera li kienet qed tippretendi biex tpatti ghal manutensjoni li kien ser ikollha taghmel l-imputata. Juan Debono iffoka aktar fuq il-kamra tal-banju li skond hu kienet fi stat hazin hafna.

Illi f'l-iskrittura li kienet iffirmata mill-imputata u Busuttil hemm kundizzjoni li l-imputata ma setghetx tohrog l-ghamara mill-fond pero ma saritx referenza ghal xi oggetti partikolari u lanqas ma sar inventarju. Ghandu jigi specifikat li l-inventarju li hemm esebit in atti, inventarju datat 19 ta' Awissu 2011 huwa iffirmat biss minn Busuttil u m'ghandux il-firma ta'l-inkwilin li kien qed jokkupa l-post f'dak il-perjodu, prezumibbilment Roderick Debono. Li hu zgur hu li bejn Awissu 2011 sa' Novembru 2013 il-fond kien mikri zgur lil Roderick Debono u lil Joseph Trebilsi qabel l-imputata.

Illi l-imputata taghti spjega pjuttost kredibbli ghal hafna mill-allegazzjonijiet li saru fil-konfront taghha u hija korroborata f'diversi asserzjonijiet li ghamlet partikolarment ghal dak li jirrigwarda l-bieb ta'l-aluminium u anke l-istat tal-kamra tal-banju kif ukoll il-fatt li l-airconditioners ma kenux jahdmu u kienu ittiehdu ghat-tiswijja. Din il-korroborazzjoni nstabet mhux biss f'dak li qalu Juan Debono u Roderick Debono, imma addirittura mill-

iskritturi iffirmati minn Busuttil. Fil-fatt il-Qorti hija konvinta li l-fond ma kienx f'l-istat li tiddeskrivi Busuttil, aktar minn hekk mill-atti ma tirrizultax prova konklussiva ta' x'kienu l-effetti mobbli li Busuttil kellha fil-fond in ezami.

Illi f'dan l-istadju ghandu jigi rilevat li dawn odjerni huma proceduri penali permezz ta' liema l-imputata qed tigi addebietata b'reati specifici u fir-rigward ta' liema jrid jigi pruvat mhux biss l-element materjali imma anke dak intenzjonali. Akar minn hekk din il-prova trid issir 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Illi tenut kont ta' dan u tenut kont tal-kunflitt li hemm fil-provi l-Qorti hija tal-fehma li ma gewx pruvati l-elementi essenzjali biex jissussistu r-reati odjerni. Aktar minn hekk il-Qorti hija tal-fehma li l-kwistjoni bejn Busuttil u l-imputata kienu wahda ta' indole civili u kellha tigi ventilata permezz ta' proceduri ohra u mhux dawk penali.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tilliberaha minnhom.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**